

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2014 — Goldfish et vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-54/14)**

(2014/C 71/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Goldfish BV (Zoutkamp, il-Pajjiżi l-Baxxi), Heiploeg BV (Zoutkamp), Heiploeg Beheer BV (Zoutkamp) u Heiploeg Holding BV (Zoutkamp) (rappreżentanti: P. Glazener u B. Winters, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla totalment jew parzjalment id-deċiżjoni indirizzata lir-rikorrenti;
- tannulla jew tnaqqas il-multa imposta fuq ir-rikorrenti;
- tadotta l-miżuri li l-Qorti Ġenerali tqis li huma xierqa;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Novembru 2013 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (Każ AT.39633 — Gambli).

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 <sup>(1)</sup> minħabba l-użu mill-Kummissjoni ta' reġistrazzjonijiet awdjo rreġistrati bil-moħbi bħala prova ta' ksur tal-Artikolu 101 TFEU.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 minħabba l-użu mill-Kummissjoni ta' noti minn reġistrazzjonijiet awdjo rreġistrati bil-moħbi bħala prova tal-ksur tal-Artikolu 101 TFEU.

- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq rifjut illegali tal-applikazzjoni tal-paragrafu 35 tal-Linji gwida dwar multi <sup>(2)</sup> minħabba r-rifjut mill-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti ma humiex f'pożizzjoni li jħallsu l-multa.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

<sup>(2)</sup> Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU C 210, p 2).

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2014 — Hanwha SolarOne et vs Il-Parlament et****(Kawża T-136/13) <sup>(1)</sup>**

(2014/C 71/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 123, 27.4.2013.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Jannar 2014 — MHCS vs UASI — Compañía Vinícola del Norte de España (ICE IMPERIAL)****(Kawża T-555/13) <sup>(1)</sup>**

(2014/C 71/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 377, 21.12.2013.